

# "Il-Mużew ta' Cali"

*Keith Muscat*

Dan it-titolu forsi għal xi wħud azzardat, kien tlissen madwar mitt sena ilu propju għal parroċċa ta' San Pawl il-Baħar. Kienet naturalment espressjoni xi ftit ambiżżjuza u żgur kampanilistika madankollu kien hemm raġuni valida għal dan l-ispeċi ta' laqam ghall knisja tagħna. Naħseb li kull qarrej qed jissoponi x'kienet ir-raġuni minħabba fil-fatt li hi privileġġjata b'sett komplet tal-pitturi li saru interament mill-kbir Ġiuseppe Cali`. Aktar minn hekk jien naħseb li kien l-ikbar wieħed u l-kobor tiegħu, ma rridux ninsew, kien fi żmien meta bosta pitturi orajn ta' kalibru kienu qed jikkrejaw opri pittorici ta' valur. Kien żmien ta' kompetittivita` artistika li kombinata ma' piki, li aħna l-Maltin nogħxew fihom, ħolqot atmosfera ta' vitalita` pittorika.

Kien żmien ta' Virginio Monti, ta' Attilio Palombvi, ta' Gianni Vella, ta' Carlo Ignazio Cortis, ta' Lazzaro Pisani. F'dal kuntest allura il-valur ta' Cali` jisboq lill kontemporanji tiegħu. Fil-bidu tas-seklu għoxrin Cali` kien fl-aqwa tiegħu bħala bniedem kif ukoll fl-izvilupp artistiku tant fil-kwantita` imma l-aktar fil-kwalita U kien propju f'dan iż-żmien li l-kbira benefattriċi tal-knisja parrokkjali tagħna
Anna Bugeia talbet lill Giuseppe Cali` biex ikun id-direttur u solista tal-kor jew aħjar il-pittur waħdani li jsebbaħ u junura lill knisja tagħna billi jpitter il-kwadri kollha tal-ħames altari tal-knisja. Cali` aċċetta bil-qalb u dan, m'għandniex xi ngħidu, peres li l-markiza offriet li tħallas l-ispejjes minn butha. Il-ftehim sar ezattament mija u għaxar snin ilu i.e. fil-21 ta' Jannar tas-sena 1904.

Għall-bidu l-ftehim kien li fuq il-ħames altari ried ikollhom l-immaġini li
l-ewwelnett fit-titular lid-Duluri u mbagħad dawk ta' San Franġisk t'Assisi, ta' San Pawl, tal-Immakulata u tal-Madonna ta' Pompei. Issa kif jafu s-San Pawlini dan tal-aħħar ma twettaqx u floku sar dak tal-ikbar qaddis Franġiskan, wara San Franġisk, Sant'Antnin ta' Padova. Prova ta' kemm Cali` kien eċċitat, ferħan u prolifiku fl-arti tiegħu huwa l-fatt li bilkemm jitwemmen li dawn il-ħames kwadri lestihom f'inqas minn sena; dik tal-1904.

Anna Bugeia li ħallset kollox hi għall bini tal-knisja riedet li din tkun iddedikata lill Madonna taħt it-titolu tad-Duluri u li tagħha kienet ferm devota. Minħabba f'hekk malli tlesta t-tempju naturalment l-altar maġġur kellu jkollu t-titular tiegħu lid-Duluri. Imma fil-bidu mhux hekk kien il-ħsieb tal-benefattriċi li xtaqet oriġinarjament li t-titular ikun dak ta' Gesu` Redentur – li Tiegħu wkoll kienet devotissima – u ħasset, bir-raġun kollu, li dan hu relatat intimament mad-Duluri tal-Madonna. Imma x'ġara ?

Hi storja li għandha mil-leġġendarju il-għaliex, jirrakkonta l-ħabib tiegħi Patri Eugene Paul Teuma li Anna Bugeia "bidlet il-fehma tagħha meta jum wieħed waqt li kienet qed tgħum fejn illum hemm is Sirens hi lemħet santa tal-Madonna tad-Duluri qeda titmewweġ f'wiċċ l-ilma. Impressjonata u milquta il markiza din is-sejba ħaditha bħala sinjal mis-sema biex tbiddel fehmitha dwar it-titular u minn dak il-hin iddeċidiet li tiddedika t-titular tal-knisja l-ġdida lill Madonna tad-Duluri".

Versjoni oħra ta' din l 'istorja' hi dik tal-mibki Emmanue Fiorentino li jirrakkonta li kien tifel li lemaħ is-santa tgħum f'wiċċ il-baħar u sa jsemmi ismu: Peppino Sant Cassia li ġabarha minn fuq il-mewġiet u newwilha lill ommu. Din, kollha ħerqana, ippreżentatha lill markiża li minn naħa tafgħha daħħlitha f'rasha li dan kien messaġġ mis-sema.

Kienet, x'kienet il vera storja l-importanti hu li Anna Bugeia marret bil-ġiri għand Cali` uriethielu u qaltlu (jew ordnatlu) li bħal din is-santa riedet li jkun it-titular. Jekk il-pittur ħax gost jew le ma nafux imma peres li kif jgħidu l-Ingliżi: "the customer is always right" huwa aċċetta li jkun ispirat minn dik is-santa. Cali`, madankollu, kien Cali` u minkejja din ir-restrizzjoni xorta waħda ħoloq kapolavur. Il-mudella ta' din id-Duluri aktarx li kienet it-tifla tiegħu stess, Margherita, infatti jeżisti ritratt tagħha bil-posa, qagħda u drappeġġjar li jindika kważi b'ċertezza li tabilħaqq bintu kienet immodellatlu għaliha. U, la semmejna d-drappeġġjar il "forte" ta' Cali` l-awtur donnu ħa gost jonxor u jperper dak il-liżar li kważi hu spjanat fuq u madwar is-salib. Il-Madonna b'dik il qagħda mbikkija u f'atmosfera ta' desolazzjoni naturalment hi ċ-ċentru tal-mira tagħna u l-aspett devozzjonali hu enfasizzat mis-seba stalletti madwar qalbha għas-seba duluri. Ma naħsibx li Cali` ħa gost ipitter dawk is-seba stalletti imma mid-dehra dik l-imbierka santa hekk kienet turi !

U, ħaġa tiġbed lill oħra, la qed insemmu s-seba' duluri wieħed ma jistax jaħrab mill-attenzjoni li ż-żewġ kwadri laterali mdaqqsin kważi awtomatikament jiġbduħ lejn il messaġġ meditattiv li ż-żewġ 'inċidenti' ikkaġunaw l-ewwel u l-aħħar dulur ta' Marija. Dawn it-tnejn bħal jirrappreżentaw iċ-ċiklu, biex insejjaħlu hekk, komplet tas-seba duluri. U dan l-inkurunament, biex poetikament insejjaħlu hekk; tal-ewwel u l-aħħar dulur propju din is-sena qedin nikkomemoraw egħluq il-mitt sena mit-twettiq tiegħu.

Il-pitturi kollha ta' fuq l-altari; ħamsa b'kollox, huma, kif jaf kulħadd, tad-Duluri, ta' San Pawl, ta' Sant'Antnin, Tal-Kunċizzjoni u ta' San Franġisk li kienu tlestew fis-sena 1904. Iż-żewġ naħat tal-altar maġġur, qabel ma tkabbret il-knisja kienu żewġ spazji vojta li damu hekk għal xi għaxar snin. Allura hawn reġet daħlet il-markiża li wkoll offriet li tħallas minn butha lill Cali` jekk dan ipitter iż-żewġ 'kappelluni', b'żewġ pitturi mdaqqsin li jillustraw l-ewwel u l-aħħar dulur tal-Madonna. Cali` reġa aċċetta bil-qalb kollha u fis-sena 1915 lesta żewġ kapolavuri jiġifieri dak tal-Presentazzjoni ta' Ġesu` tarbija lill-Xmun u dak ta' Ġesu` mejjet fi ħdan San Ġwann u t-tlett "Mariji".

Forsi jkun hawn min jistaġeb li jien qed insejħilhom żewġ kapolavuri imma barra mill-fatt li kif jingħad li "Cali` kull ma miss sar deheb!" jien inħoss li dawn iż-żewġ pitturi kbar jinkurunaw mhux biss lill-knisja tagħna daqskemm jinkurunaw lill Cali` bħala il prinċep tal-pitturi Maltin ! Bħala idea jew suġġett naħseb li ġew suġġeriti lilu jiġifieri il bidu (l-ewwel dulur) u t-tmiem (l-aħħar dulur) tas-seba duluri tal-Madonna. Jista` jkun li ħasibhom hu fil-Presentazzjoni u l-aħħar 'tislima' lill Ġesu` mejjet, imma żgur bħala preżentazzjoni, komposizzjoni u fuq kollox, esekuzzjoni dawn kienu ħsieb u xogħol Cali` mija fil-mija. Hekk kif jippreżentahomna huma bħala stedina għall trasportar mid- "dawl għad dlam!" Din l-idea hi esposta b'ċarezza kristallina meta naraw il-kuntrast ferm evidenti tad-dawl li jillumina u jinfirex fil-kwadru tal-Preżentazzjoni ta' Ġesu` tarbija. Ma rridux ninsew li f'dik l-okkażjoni, ta' meta Xmun nikket il-Madonna bil-profetizzar tiegħu ta' "sejf għad jinfidlek lill ruħek!" aħna nqisuha wkoll (misterjożament) bħala "Misteru tal-Ferħ!" U allura hawn il-pittur joffrilna festa ta' kulur, movement u, kif għedna, dawl max-xena kollha kemm hi.

Bħala komposizzjoni Cali` wettaq dik solida u klassika ta' trijangulazzjoni u (nirrepeti) il "forte" ta' Cali` fid-drappeġġjar hawn hu espost fl-aqwa tiegħu speċjalment fil-kappa ta' San Ġuzepp. Għalkemm, nerġa ngħid, li dan hu meqjus bħala wieħed mill-misteri tal-ferħ, il-qagħda u l-espressjoni tal-Madonna hi ferm viżibbli l-apprensjoni tagħha tant li l-anqas ħallietilha saħħa biex tibqa fuq riġlejha !

B'kuntrast, ukoll ferm evidenti, imma pariġġ l-ieħor li jikkomprendi l-egħluq tas-saga tad-Duluri immorru issa għas-seba u l-aħħar Dulur jiġifieri dak tas-sepoltura tal-ġisem ta' Ġesu` Kristu. Hawnhekk, kif ġa` ssuġġerejt tinbidel ix-xena u l-atmosfera għal kollox jiġifieri minn dik ta' "Dawl" għall atmosfera kupa u mudlama fejn "id-dawl" hu ġej biss minn ġisem Kristu mejjet. Jidher li Cali` kien ispirat minn xi katakombi Maltin, bħal ma juri dak il-qabar imħaffer ġol-ħajt, kif ukoll li huwa kien konoxxenti tas- 'Santa Sindone' (il-Lizar Imqaddes), hekk kif pitter dak il-liżar kbir ta' taħt Ġesu`

Hawn il-pittur għażel il-format dijagonali. Hi opra suprema li ġiet kemm-il-darba imfaħħra u anki esebita. Raffael Bonnici Cali` ħalla miktub dwarha li hi: Meqjusa fost l-aħjar xogħlijiet tal-pittur għall-komposizzjoni tagħha". Fiorentino saħansitra jasal biex jgħid li Cali` hawn wera reminixxenza tal-Caravaggio fil-Qtuħ ir-Ras ta' San Ġwann " Huwa jkompli jfaħħar dan il-kwadru billi jgħid li "Dan hu definittivament wieħed mill-aktar xogħlijiet sensittivi ta' Cali` u prova ċarissima tal-qawwa kreattiva tiegħu."

U hawn allura nagħlaq billi immur lura għal mitt sena ilu u nara, anzi naraw, ir-raġuni ta' għaliex il-knisja parrokkjali tagħna kienu jsejħulha: **"Il-Mużew ta' Cali`"**


Ballut Farm Ltd
Local Product ... Quality Guaranteed
Traditional Barn Reared
Did you try our cage free Omega 3 eggs?
... Better nutrition!

We offer fresh local graded eggs packed Small, Medium & Large
Available at Supermarkets & Retail Shops • We also supply Catering Establishments
(+356) 9980 1719 • (+356) 21 573 488 • ballut.farm@maltanet.net • www.ballutfarm.com • Għajn Tuffieħa Rd, Għajn Tuffieħa, Malta

Filwaqt li nirringrazzjaw lil kull min għoġbu jirreklama f'din il-pubblikazzjoni, nappellaw lil kulħadd sabiex jagħmel użu mill-prodotti u s-servizzi reklamati